MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Numru 941/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**
**V**

**CLIFTON CASSAR**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **CLIFTON CASSAR** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Carmel u Rita nee Calleja, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Marzu 1983 u residenti 'Anfield', 102, Blata l-Gholja, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 145483M gie mressaq quddiemha talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' 'Cellefonic' li jinstab f'Main Street, Mosta, fid-dsatax ta' Ottubru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda iffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-

xoghol tal-mohh, jew prodott ta' industrija jew manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska w id-distruzzjoni tal-ogetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil hati ghall-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 esebit f’dawn l-atti w immarkat bhala dokument CSH 2.

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi segwenti ghal finijiet ta' piena:

L-ammissjoni bikrija tal-imputat registrata fl-ewwel opportunita` moghtija lilu u cioe` seduta stante nhar id-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004.

Rat ukoll il-kollaborazzjoni shiha tal-imputat sa mill-ewwel mument meta gie nvestigat u cioe` meta huwa rrilaxxa l-stqarrija tieghu nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004 liema stqarrija tinsab esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH 4.

Rat ukoll il-fedina penali netta tal-imputat esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu jitqies bhala *first time offender* u dan ghaliex huwa ghandu fedina penali indellibli.

Rat ukoll illi l-oggetti kollha nvoluti f'dan ir-reat gew kollha esebita b'mod materjali u jinsabu mmarkati bhala dokument CSH 6.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha taghmel l-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant **il-Qorti** wara li rat l-artikolu 298 (1)(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artioklu 298 B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddeciedi billi qed issib lil imputat CLIFTON CASSAR hati tal-akkuzi kif adebittati fil-konfront tieghu ammessi minnu stess u bl-applikazzjoni tal-artiklu 22(1) tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tmintax il-xahar mill-llum**.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat ihallas l-spejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma kien hemm ebda hatra ta' esperti f'din il-kawza u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

Fl-ahhar nett il-Qorti wkoll tordna li l-oggetti esebiti b’mod materjali, esebiti u mmarkati bhala dokument CSH 6 f’dawn il-proceduri jigu kollha distrutti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------